

Brussell, 23 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14556/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0364 (NLE)

POLCOM 163
WTO 209
PECHE 449

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	14555/22 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, f'dak li jirrigwarda l-Ftehim dwar is-sussidji tas-sajd - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ¹.
2. Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Novembru 2022, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) ddiskuta u approva l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq.
3. F'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill għandu l-ewwel jiddeċiedi dwar it-trażmissjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni lill-Parlament Ewropew sabiex jikseb l-approvazzjoni tiegħu.

¹ Dok. 14555/22 + ADD 1

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jiddeċiedi, bħala punt "A", li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakesh li jstabilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, f'dak li jirrigwarda l-Ftehim dwar is-sussidji tas-sajd kif ukoll il-Protokoll imsemmi, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti u li jinsabu fid-dokumenti 14557/22 u 14558/22, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
-